# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 541/2012**

Il-Pulizija

(Spettur Sandra Zammit)

vs

**Jan Karl Farrugia**

iben Vincent, imwieled Pieta', fil-25 ta' Settembru, 1976, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 532576(M)

Illum, 12 ta' Gunju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Jan Karl Farrugia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-7 ta' Settembru 2012 ghal habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18.30hrs) gewwa Triq Hughes Hallet, Sliema:-

(1) Saq vettura bin-numru ta' Registrazzjoni JKF-777 u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku,

habat ma vetturi numri (a) DAH-953 u involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Gerald Axisa, (b) WIZ-082 u involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Aaron Falzon, (c) u go vettura nru. NIN-090 u involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Sean Camilleri.

(2) Meta kien involut f'incident tat-traffiku ma' l-istess vetturi naqas li jieqaf u meta kien mehtieg, naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu u id-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub mill-ligi, u/jew naqas li jaghti l-partikolaritajiet tieghu u id-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub mill-ligi, u/jew naqas li jirraporta l-imsemmi incident lill-Pulizija jew Gwardjan Lokali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Novembru, 2012 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, MVR 67 u L.S.65.11, ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u lliberatu minnhom.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali tal-20 ta' Novembru, 2012 fejn talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija, tghaddi biex tiddisponi minn dan il-kaz skont il-ligi u fl-ahjar interess tal-gustizzja.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fit-8 ta' Novembru, 2012, l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-Qorti tal-Magistrati (Malta), permezz tas-sentenza tagħha hawn fuq riferita, għamlet enunċazzjoni żbaljata jew inkompleta tal-ligi li fil-fatt wasslet ghall-helsien tal-imputat mill-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u dan ghaliex il-Pulizija ma kinetx giet permessa waqt il-kawza li tipproduci b'appogg ghall-akkuza, provi ndispensabbli li kienu ammissibbli skont il-ligi. Illi għaldaqstant l-esponent qiegħed jinterponi dan l-umli appell, *inter alia* ai termini tal-artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi l-aggravji huma cari u manifesti u dan ghar-ragunijiet segwenti :-

Illi waqt is-seduta tas-6 ta' Novembru 2012, li kienet l-ewwel seduta f'dan il-kaz, il-Qorti ghaddiet ghad-decizjoni taghha fin-nuqqas tax-xhieda ta' Aaron Falzon, Sean Camilleri, PS 1354

C. Coppola u PC 451 A. Bugeja u dan f'kuntest fejn l-ufficcjal prosekutur ma rrinunzjax ghal dawn ix-xhieda li kienu xhieda indispensabbli ghall-prosekuzzjoni u fejn l-ufficcjal prosekutur ma iddikjarax illi qed jaghlaq il-provi tieghu. B'hekk id-dritt tal-Pulizija li ggib provi ndispensabbli sabiex isahhah l-akkuzi taghha gie mittifies. Illi x-xhieda ta' Aaron Falzon, Sean Camilleri, PS 1354 C. Coppola u PC 451 A. Bugeja kienet determinanti ghal dan il-kaz u dan ghaliex Aaron Falzon u Sean Camilleri huma l-partijiet lezi li jridu jiexhdu sabiex jikkonfermaw li soffrew hsara fil-vetturi rispettivi taghhom u x-xhieda ta' PS 1345 u PC 451 kienet ukoll determinanti ghaliex kienu huma li hadu r-rapporti tal-parti leza u li kienu kellmu lill-imputat u dan kif jirrizulta mid-dokument inserit a fol 10 tal-atti.

Illi jirrizulta mill-atti li l-prosekuzzjoni kienet sejjhet lix-xhud Aaron Falzon, liema xhud meta imsejjah ma deherx. Illi madanakollu nonostante li gie verbalizzat li l-prosekuzzjoni m'ghandiex riferta ta' Aaron Falzon, din ir-riferta qeghda fil-fatt inserita in atti a fol 7 u 8. Illi minn din ir-riferta jirrizulta li Aaron Falzon jinsab imsiefer temporanjament ghall-perjodu ta' tliet xhur u li allura dan ix-xhud ma kien hemm l-ebda impediment li jinstema'. Illi *in oltre* jirrizulta li dan ix-xhud kien gie notifikat ai termini tal-artikoli 362(1) u 365. Illi fir-rigward ta' Sean Camilleri jirrizulta li dan mhux notifikat, izda li kienu saru diversi tentattivi ta' notifika u thallietlu ukoll l-ordni tan-notifika ai termini tal-artikoli citati. Illi fl-atti hemm ezebita ukoll kopja ta' din ir-referta u ghaldaqstant jirrizulta bic-car li l-pulizija kienet pruvat tinnotifika lil Sean Camilleri u dan ghaliex kellha interess li jixhed dan ix-xhud.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija –vs- Joseph Dougall***[1] il-Qorti kienet irriteniet illi *"Biex l-Avukat Generali (jew skond il-kaz, il-kwerelant) ikun jista' jappella f'kazijiet fejn ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx, dan irid jirrizulta mill-atti: bhala minimu li dak ix-xhud kien gie debitament innotifikat, jew li l-prosekuzzjoni ghamlet dak kollu minnha mistenni biex tipprova tinnotifikah. Il-prova li xhud gie nnotifikat jew li sar tentattiv ta' notifika ghandha ssir, bhala regola, permezz tar-riferta."*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Onor. Vincent DeGaetano LL.D.

Illi *in oltre* kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija –vs- Monica Schranz***[2] deciza fil-21 ta' Frar 1997 minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta, *"L-ezebizzjoni tar-riferta kienet indikazzjoni cara li l-prosekuzzjoni ma kinitx qed tirrinunzja ghal dak ix-xhud ghax kieku ma kien ikollha ebda interess li tesebixxi r-riferta relattiva."*

Illi l-esponent isibha difficli jifhem kif il-Qorti ghazlet li tghaddi minnufih ghas-sentenza u dan minkejja li kien hemm xhud notifikat u minkejja li l-prosekuzzjoni ma ghalqitx il-provi taghha u ma rrinunzjatx ghax-xhieda taghha. Dawn ix-xhieda bla dubju kienu xhieda ndispensabbli sabiex jigu pruvati l-akkuzi migjuba kontra l-imputat appellat u b'tali decizjoni l-Qorti cahdet lil prosekuzzjoni d-dritt li ttella l-provi taghha.

Illi l-esponent jissottometti, li konsiderando li kien hemm xhud notifikat li kien imsiefer temporanjament, kif ukoll li kien hemm xhud iehor li ma kienx notifikat, izda li kienu saru diversi tentattivi sabiex jinnotifikawh, fid-dawl tal-gurisprudenza hawn fuq imsemmija, il-Qorti kienet fid-dmir li tara li l-kaz jitkompla skont il-ligi u mhux jigi deciz f'kuntest fejn hafna mix-xhieda ma kienux xehdu.

Illi l-esponent jghid b'kull rispett lejn il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti, illi l-Qorti kellha tippermetti lill-prosekuzzjoni li ggib ix-xhieda mehtiega ghall-prova rikjesta, u dan specjalment meta l-istess kienu xhieda indispensabbli u ammissibli skont il-ligi. Illi differiment wiehed ma kienx ser jirreka pregudizzju lill-imputat. Mill-banda l-ohra pero' billi l-Qorti ghaddiet minnufih ghas-sentenza, l-Qorti cahdet lill-prosekuzzjoni d-dritt ghal provi ndispensabbli sabiex jigu pruvati l-akkuzi kontra l-appellat.

Illi, tali decizjoni ma kinitx ser timpingi wisq fuq is-sommarjeta tas-seduta konsiderando li din kienet l-ewwel seduta appuntata, allavolja kien ikun aktar deziderabbli li kieku l-procedura kollha nstemghet u inghalqet fl-istess seduta. Illi *in oltre* ma hemm xejn li jimpedixxi lil dik il-Qorti li tidiferixxi l-kawza ghal data ohra.

---

[2] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali mill-Imhallef Onor. Vincent DeGaetano LL.D. fil-21 ta' Frar 1997

Illi l-esponent jaghmel referenza ghad-dicitura tal-ligi senjatament fl-artikoli 374 u 375 tal-Kodici Kriminali f'liema artikoli mhuwiex specifikat b'ebda mod illi l-provi f'kawza sommarja iridu jinstemghu f'seduta wahda biss u dan peress li l-ligi tghid biss illi *''t-tmexxija tal-kawza ghandha ssir fil-qosor u bil-fomm u fl-ordni li gej ...''* kif preskritt fl-artikolu 374 b'applikazzjoni ukoll ghall-artikolu 375. Illi kwindi filwaqt li huwa rikonoxxut li kawza sommarja m'ghandix iddum tkaxkar inutilment (ergo it-terminu sommarja) il-ligi ma tispecifikax li kull prova trid bilfors tinstema' f'darba wahda allavolja hekk ikun desiderabbli.

Illi *in oltre* jekk naraw anki l-artikolu 377(1) tal-Kodici Kriminali li jitratta l-ghoti tas-sentenza f'kawza sommarja jinghad li *'**meta jinghalaq is-smigh tal-kawza**[3], il-qorti dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, taghti sentenza billi tillibera jew tikkundanna l-imputat'.* Huwa interessanti li wiehed jinnota li d-dover legali huwa mpost principlament fuq il-Qorti li tkun qed tippresjedi fir-rigward tal-ghoti tas-sentenza u in oltre dan mhux b'mod tassativ. Effetivament allura filwaqt li l-Qorti tinsab inkuraggata li taghti sentenza fuq kawza sommarja dak inhar li jinghalqu l-provi dan ghandu jsir biss jekk possibbli.

Fil-fatt dan il-punt tqajjem fil-kaz ***Il-Pulizija –vs- Frank Borg*** deciz mill-Imhallef Harding fejn b'referenza ghal din id-disposizjoni li dak iz-zmien kien l-artikolu 389 tal-Kodici Kriminali kien gie ritenut illi *"l-iskop ta' dak l-artikolu hu sempliciment biex ikun impost fuq il-gudikant l-obbligu tad-decizjoni sollecita tal-kawza, u ghaliex ma hemmx xejn li jimpedixxi li ghal raguni gusta, anki mill-Qorti 'marter proprio', jerggha jinfetah is-smiegh, sija pure biex titbiddel l-imputazzjoni...'.*[4] In oltre u in sostenn ta' dan l-argument jirrizulta li mid-dicitura ta' din id-disposizjoni, dan id-dover jew obbligu jiskatta meta l-provi jinghalqu li kwindi ma tindika f'ebda mod li dawn il-provi kellu jinstemghu ukoll u ilkoll fl-istess jum li tinghata is-sentenza, aparti mill-fatt li f'dan il-kaz m'ghandna l-ebda indikazzjoni li l-provi gew maghluqa.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

---

[3] Enfasi tal-Esponent

[4] 6 ta' Marzu 1954, Imhallef Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D, Qorti tal-Appell (Ir-Raba' Parti)

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu kaz sommarju u ghalhekk din il-Qorti kellha tisma mill-gdid il-provi prodotti.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-appellat kien qed isuq il-vettura tieghu bin-numru tar-registrazzjoni JKF 777 fi Triq Hughes Hallet, tas-Sliema. Dan il-fatt jirrizulta mill-ammissjoni tieghu mal-pulizija. Konsegwenza ta' dan gara ncident li qatt ma gie spjegat mill-appellat. L-unika prova li hemm li l-pulizija qalu li l-appellat qal li hariglu truck mill-gemb u konsegwenza ta' dan saret hsara lit-tlett vetturi ndikati hawn fuq. Ghandu jinghad li l-hsara kollha giet risarcita lis-sidien tal-vetturi li kellhom il-hsara.

Illi ma hemm ebda prova dwar is-sewqan tal-appellat u ma hemm ebda prova li tista' tavalla t-tezi tal-prosekuzzjoni li l-appellat saq il-vettura tieghu skont l-ewwel akkuza.

Illi jirrizulta li l-appellat ma marx jaghmel rapport ta' l-incident l-ghassa kif suppost kellu jaghmel. Fil-fatt dan ghamlu biss wara li l-pulizija kienu kelmuh u ghall-ewwel hu qallhom li l-vettura tieghu kienet ghat-tiswja. Ghalhekk, hu car li l-appellat ghandu jinsab hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata dwar l-ewwel akkuza u ghalhekk tichad l-appell tal-Avukat Generali. Dwar it-tieni akkuza, tilqa l-appell tal-Avukat Generali. Thassar u tirrevoka s-sentenza dwar it-tieni akkuza. Issib lil Jan Karl Farrugia hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu. Rat l-artikoli 54 u 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligiijet ta' Malta u l-artikolu 67 tal-LS65.11 u tikkundannah ghal hlas ta' ammenda ta' hamsin euro (€50). Tordna wkoll is-sospensjoni ta' kwalunkwe licenzja tas-sewqan tieghu ghal perjodu ta' tmien (8) tijiem. Dan il-perjodu ghandu jibda jiddekorri min-nofs in-nhar ta' ghada 13 ta' Gunju, 2018.